

## **Abbozz ta' Att li jemenda I-Att dwar ir-Restrizzjoni tal-Użu tat-Tabakk u ta' Prodotti Relatati**

### **Artikolu 1**

Fl-Artikolu 1 tal-Att dwar ir-Restrizzjoni tal-Użu tat-Tabakk u ta' Prodotti Relatati (ĠU RS, Nro 9/17 u 29/17), il-kliem "id-Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/109/UE tal- 10 ta' Ottubru 2014 li temenda I-Anness II tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi tistabbilixxi librerija ta' swissijiet bl-istampi li għandhom jintużaw fuq prodotti tat-tabakk (ĠU L 360, 17.12.2014, p. 22)" huwa sostitwit bil-kliem "Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2022/2100 tad-29 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-irtiar ta' ċerti eżenzjonijiet fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna (ĠU L 283, 3.11.2022, p. 46)".

### **Artikolu 2**

Fl-Artikolu 3, il-punt 12 huwa emendat biex jaqra kif ġej:

"12. Sigarett elettroniku huwa prodott li jista' jintużha biex iwassal fwar li fih in-nikotina jew li ma fihx in-nikotina mill-biċċa tal-ħalq jew minn kwalunkwe komponent ta' dak il-prodott, inkluż skartoċċ, tank, u apparat mingħajr skartoċċ jew tank. Is-sigaretti elettroniċi jistgħu jintremew wara l-użu jew ikunu jistgħu jerġgħu jimtlew bl-użu ta' kontenit u tank ta' rikarika, jew jistgħu jimtlew mill-ġdid bi skartoċċ li jintużha darba biss.".

Il-punt 17 għandu jitħassar.

Jiżdied punt 19.a ġdid wara l-punt 19, li jaqra kif ġej:

"19.a. Prodott ġdid tan-nikotina huwa prodott li ma jappartjeni għall-ebda waħda mill-kategoriji ta' prodotti li ġejjin li fihom in-nikotina iżda li ma fihomx tabakk: sigaretti elettroniċi, kontenituri ta' rikarika u prodotti ta' terapija ta' sostituzzjoni tan-nikotina rreġistrati.".

Jiżdied punt 22.a ġdid wara l-punt 22, li jaqra kif ġej:

"22.a. Prodott tat-tabakk imsaħħan huwa prodott ġdid tat-tabakk li jissaħħan biex jiproduċi emissjoni li fiha n-nikotina u sustanzi kimiċi oħra, li mbagħad jinġibed man-nifs mill-utent(i) u li, skont il-karatteristiċi tiegħi, huwa prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx jew prodott tat-tabakk għat-tipjip.".

Il-punt 23 huwa emendat biex jaqra kif ġej:

"23. Kontenituri ta' rikarika huwa reċipjent li fih nikotina jew likwidu mhux tan-nikotina jew kwalunkwe skartoċċ ieħor, li jista' jintużha biex jimtela mill-ġdid sigarett elettroniku.".

Il-punt 25 huwa emendat biex jaqra kif ġej:

"25. Il-prodotti relatati huma sigaretti elettroniċi, inklużi kontenituri ta' rikarika, prodotti erbali għat-tipjip, prodotti ġoddha tat-tabakk u prodotti ġoddha tan-nikotina. Il-prodotti relatati jinkludu aċċessorji jew apparati għall-użu tagħhom, li mingħajrhom il-prodotti relatati ma jistgħux jintużaw.".

Il-punt 40 huwa emendat biex jaqra kif ġej:

"40. It-tabakk tal-brim huwa tabakk li jista' jintużha għall-produzzjoni tas-sigaretti mill-konsumaturi jew mill-istabbilimenti tal-bejjgħ bl-imnut.".

Il-punt 50 huwa emendat biex jaqra kif ġej:

"50. Prodott erbali għat-tipjip huwa prodott ibbażat fuq pjanti, ħxejjex aromatiċi jew frott li ma fihx tabakk u li jista' jiġi kkunsmat permezz ta' proċess ta' kombustjoni.".

### Artikolu 3

Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 huwa emendat biex jaqra kif ġej:

“(1) It-tqegħid fis-suq ta’ sigaretti, tabakk tal-brim u prodotti tat-tabakk imsaħħna b’togħma karatterizzanti għandu jkun ipprojbit.”.

### Artikolu 4

Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 2 huwa emendat biex jaqra kif ġej:

“(2) It-tqegħid fis-suq ta’ sigaretti, tabakk tal-brim u prodotti tat-tabakk imsaħħna li fihom sustanzi aromatizzanti fi kwalunkwe wieħed mill-komponenti, bħal filtri, karta, tgeżwir u kapsuli, jew li jkollhom karatteristiċi tekniċi li jagħmluha possibbli li tinbidel ir-riħa jew it-togħma tal-prodott tat-tabakk jew l-intensità tad-duħħan għandu jkun ipprojbit. Il-filtri, il-karti u l-kapsuli ma għandux ikun fihom it-tabakk jew in-nikotina.”.

### Artikolu 5

Fl-Artikolu 13, jiżdied paragrafu 7 ġdid wara l-paragrafu 6 li jaqra:

“(7) L-immaġnijiet ta’ pakketti individwali u kwalunkwe ppakkjar estern tal-prodotti tat-tabakk immirati lejn il-konsumaturi għandhom jikkonformaw mal-intestatura “2. Tikkettar u ppakkjar” tal-Kapitolu II ta’ dan l-Att.”.

### Artikolu 6

Fl-Artikolu 14(1), is-sentenza introdutorja hija emendata biex taqra kif ġej:

“(1) Kull pakkett individwali u l-ippakkjar estern tal-prodotti tat-tabakk għat-tipjip, inklużi l-prodotti tat-tabakk imsaħħna fil-każ ta’ prodotti tat-tabakk għat-tipjip, għandu jkollhom it-twissija ġenerali li ġejja:”.

Fil-paragrafu 2, is-sentenza introdutorja hija emendata biex taqra kif ġej:

“(2) Kull pakkett individwali u l-ippakkjar estern tal-prodotti tat-tabakk għat-tipjip, inklużi l-prodotti tat-tabakk imsaħħna fil-każ ta’ prodotti tat-tabakk għat-tipjip, għandu jkun hemm il-messaġġ ta’ informazzjoni li ġej:”.

Fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza hija emendata biex taqra kif ġej: “Fil-każ ta’ pakketti individwali li fihom is-sigaretti, pakketti individwali bi prodotti tat-tabakk imsaħħna fil-każ ta’ prodotti tat-tabakk għat-tipjip u pakketti individwali f’forma kwadra bit-tabakk tal-brim, it-twissija ġenerali għandha tintwera fil-qiegħ ta’ naħħa waħda tal-pakkett individwali, filwaqt li l-messaġġ ta’ informazzjoni għandu jintwera fil-qiegħ tal-wiċċ tal-ġenb l-ieħor.”.

### Artikolu 7

Fl-Artikolu 15(1), l-ewwel sentenza tas-sentenza introdutorja hija emendata biex taqra kif ġej: “Kull pakkett individwali u l-ippakkjar estern tal-prodotti tat-tabakk għat-tipjip, inklużi l-prodotti tat-tabakk imsaħħna fil-każ ta’ prodotti tat-tabakk għat-tipjip, għandu jkollhom twissijiet tas-saħħha kkombinati.”.

### Artikolu 8

Fl-Artikolu 22, il-paragrafu 9 għandu jkun emendat biex jaqra kif ġej:

“(9) L-entità ekonomika involuta fil-kummerċ tal-prodotti tat-tabakk ma għandhiex timmodifika jew tħassar id-data rreġistrata.”.

#### Artikolu 9

Fl-Artikolu 25(2), fl-ewwel sentenza, wara l-kelma “paragrafu”, il-virgola u l-kliem “meta l-NLZOH iqis li dan huwa meħtieġ minħabba kundizzjonijiet mibdula”.

Wara l-paragrafu 2, jiddaħħal paragrafu 3 ġidid, li jaqra kif ġej:

“(3) L-NLZOH għandu jimponi tariffi fuq il-manifatturi u l-importaturi biex jirċievu, jaħżnu, jimmaniġġaw u janalizzaw id-data sottomessa skont dan l-Artikolu.”.

Il-paragrafu 3 eżistenti, li jsir il-paragrafu 4, huwa emendat biex jaqra:

“(4) Il-Ministru għandu jiddetermina l-forma u l-metodu ta’ notifika u l-ammont tat-tariffi msemmija f’dan l-Artikolu.”.

#### Artikolu 10

Fl-Artikolu 26(3):

- il-punt 1 huwa emendat biex jaqra kif ġej:

“1. likwidu jew skartoċċ tan-nikotina jew mhux tan-nikotina għandu jitqiegħed fis-suq f’kontenituri ta’ rikarika apposta b’volum li ma jaqbiżx l-10 ml. F’sigaretti elettroniċi li jintremew wara l-użu jew skrataċċ li jintużaw darba biss, il-volum ta’ skartoċċ jew tank ma jaqbiżx it-2 ml;”;

- il-punt 3 huwa emendat biex jaqra kif ġej:

“3. likwidu jew skartoċċ tan-nikotina jew mhux tan-nikotina ma għandux ikun fih l-addittivi msemmija fl-Artikolu 12(1) ta’ dan l-Att;”;

- il-punt 4 huwa emendat biex jaqra kif ġej:

“4. fil-produzzjoni ta’ likwidu jew skartoċċ tan-nikotina jew mhux tan-nikotina għandhom jintużaw biss ingredjenti puri. Fil-likwidu jew fl-iskartoċċ, is-sustanzi, tħlief għall-ingredjenti msemmija fil-punt 2 tal-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu, għandhom ikunu preżenti biss f’ammonti ta’ traċċi, jekk dawn l-ammonti ta’ traċċi ma jistgħux jiġi evitati mil-lat tekniku matul il-produzzjoni;”;

- fl-aħħar tal-punt 7, il-punt jiġi sostitwit b’punt u virgola u jiżdied punt 8 ġidid, li jaqra kif ġej:

“8. Il-likwidu tan-nikotina jew mhux tan-nikotina jew kwalunkwe skartoċċ ieħor użat fis-sigaretti elettroniċi jew f’kontenituri ta’ rikarika ma għandux ikun xi aromatizzanti għajr it-togħma jew ir-riħa tat-tabakk jew tal-mentol.”.

Fil-paragrafu 5, il-punt 2 huwa emendat biex jaqra kif ġej:

“2. irrispettivament mill-punt preċedenti, dawn ma fihomx elementi jew karakteristiċi msemmija fl-Artikolu 17 ta’ dan l-Att, tħlief fl-ewwel inċiż tal-paragrafu 1 dwar l-informazzjoni dwar il-kontenut tan-nikotina u l-informazzjoni relatata mat-togħma jew mar-riħa tat-tabakk jew tal-mentol, u fil-każ tal-kontenut ta’ nikotina, huma jiddikjaraw it-twissija tas-saħħha li ġejja li tissodisa r-rekwiżiti tal-Artikolu 16(2) u (3) ta’ dan l-Att:

‘Dan il-prodott fih in-nikotina, li hija sustanza li faċċi ħafna toħloq dipendenza. Mhuwiex rakkommandat għall-użu minn persuni li ma jpejpx.’.”.

Fil-paragrafu 8, tiżdied it-tielet sentenza ġdida wara t-tieni sentenza, li taqra kif ġej: “L-NLZOH u l-Ispettorat tas-Saħħa tar-Repubblika tas-Slovenja għandhom, fuq talba, jagħmlu l-informazzjoni kollha riċevuta f'konformità ma' dan l-Artikolu disponibbli għall-Kummissjoni Ewropea u għal Stati Membri oħra tal-UE, filwaqt li jiżguraw li s-sigreti tal-mestier u informazzjoni kunfidenzjali oħra jiġu ttrattati b'mod kunfidenzjali.”.

#### Artikolu 11

Wara l-Artikolu 28(2) jiżdied il-paragrafu 3 ġdid li ġej, li jaqra kif ġej:

“(3) L-NLZOH għandu jipponi tariffi fuq il-manifatturi u l-importaturi biex jirċievu, jaħżnu, jimmaniġġaw, janalizzaw u jippubblikaw id-data sottomessa skont dan l-Artikolu.”.

Il-paragrafu 3 eżistenti, li jsir il-paragrafu 4, huwa emendat biex jaqra:

“(4) Il-Ministru għandu jistabbilixxi kundizzjonijiet aktar dettaljati għar-rapportar dwar l-ingredjenti ta' prodotti erbali għat-tippi u l-ammont ta' miżati msemmija f'dan l-Artikolu.”.

#### Artikolu 12

It-titlu tal-Kapitolu V huwa emendat biex jaqra kif ġej:

“V. REKLAMAR, PROMOZZJONI, SPONSORIZZAZZJONI, BEJGĦ U IMPORTAZZJONI”.

#### Artikolu 13

Fl-Artikolu 30:

— it-titlu tal-artikolu huwa emendat biex jaqra kif ġej:

**“(projbizzjoni ta' bejgħ u akkwist)”;**

— wara l-paragrafu 6, jiżdiedu l-parografi 7 u 8 ġodda, li jaqraw kif ġej:

“(7) Individwu ma jistax ibiġi jew iqiegħed fis-suq tabakk, prodotti tat-tabakk jew prodotti relatati.

(8) Il-konsumatur ma jistax jakkwista tabakk, prodotti tat-tabakk jew prodotti relatati bi ksur ta' dan l-Artikolu.”.

#### Artikolu 14

Wara l-Artikolu 30 attwali jiżdied Artikolu 30.a ġdid li jaqra kif ġej:

“Artikolu 30.a

**(Projbizzjoni fuq l-importazzjoni)**

(1) L-importazzjoni ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 11(1), l-Artikolu 12(1), (2) u (3), u l-Artikolu 24 ta' dan l-Att għandha tkun ipprojbita.

(2) Individwu ma jistax jimporta tabakk, prodotti tat-tabakk jew prodotti relatati, bl-eċċeżżjoni ta' prodotti li huma eżentati mill-ħlas ta' dazji fuq l-importazzjoni fil-konsenji jew fil-bagalji personali tal-passiġġier f'konformità mar-regolament li jirregola s-sistema ta' eżenzjonijiet doganali fl-UE.”.

#### Artikolu 15

It-titlu tal-Kapitolu VII huwa emendat biex jaqra kif ġej:

“VII. PROJBIZZJONI FUQ IT-TIPJIP”.

#### Artikolu 16

Fl-Artikolu 39(3), fl-aħħar tat-tielet inċiż, il-punt u l-virgola huma sostitwiti b'punt, u r-raba' inċiż huwa mħassar.

Il-paragrafu 4 huwa mħassar.

Il-paragrafu 5 jsir il-paragrafu 4.

#### Artikolu 17

L-Artikolu 40 għandu jitħassar.

#### Artikolu 18

Il-kliem tal-Artikolu 41 huwa emendat biex jaqra kif ġej:

“(1) Is-superviżjoni fuq l-implementazzjoni ta’ dan l-Att għandha titwettaq mill-Ispettorat tas-Saħħa tar-Repubblika tas-Slovenja, l-Ispettorat tax-Xogħol tar-Repubblika tas-Slovenja, l-Ispettorat tas-Suq tar-Repubblika tas-Slovenja, l-Amministrazzjoni Finanzjarja tar-Repubblika tas-Slovenja u s-servizzi tal-pulizija u tal-gwardjani tal-belt.

(2) L-Ispettorat tas-Saħħa tar-Repubblika tas-Slovenja jissorvelja:

1. l-emissjonijiet ta’ qatran, nikotina u monossidu tal-karbonu mis-sigaretti msemmija fl-Artikolu 7 ta’ dan l-Att;
2. il-projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti tat-tabakk b’togħma karakterizzanti msemmija fl-Artikolu 11 ta’ dan l-Att;
3. il-projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti tat-tabakk li fihom l-addittivi msemmija fl-Artikolu 12 ta’ dan l-Att;
4. jirrapporta u jinforma lill-produtturi u lill-importaturi dwar l-ingredjenti u l-emissjonijiet ta’ prodotti tat-tabakk u prodotti relatati f’konformità mal-Artikolu 9, l-Artikolu 10, l-Artikolu 25, l-Artikolu 26(1), (2) u (6), u l-Artikolu 28 ta’ dan l-Att;
5. l-obbligi li għandhom jiġu ssodisfati mill-produtturi, l-importaturi u d-distributuri tas-sigaretti elettroniċi msemmija fl-Artikolu 26(9), (10) u (11) ta’ dan l-Att u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati mis-sigaretti elettroniċi msemmija fl-Artikolu 26(3) ta’ dan l-Att;
6. il-projbizzjoni tat-tipjip jew l-użu tat-tabakk, tal-prodotti tat-tabakk u ta’ prodotti relatati, minbarra t-tabakk tal-magħda u t-tabakk nażali, fl-ispażji pubbliċi msemmija fl-Artikolu 39 ta’ dan l-Att;
7. l-individwi li ma jikkonformawx mal-projbizzjoni tat-tipjip jew l-użu tat-tabakk, tal-prodotti tat-tabakk u ta’ prodotti relatati, għajr tabakk tal-magħda u tabakk nażali, fi spazji pubbliċi msemmija fl-Artikolu 39 ta’ dan l-Att.

(3) L-Ispettorat tas-Saħħa tar-Repubblika tas-Slovenja, abbażi tas-sejbiet tiegħu stess jew tas-sejbiet tal-NLZOH li t-tabakk, il-prodotti tat-tabakk u prodotti relatati huma prodotti, mibjugħha jew imqiegħda fis-suq bi ksur tal-Artikoli 7, 8, 11, 12 u 26 ta’ dan l-Att, permezz ta’ deċiżjoni jiprojbxxi l-produzzjoni u l-bejgħ ta’ dawn il-prodotti u jordna t-tnejħħija tagħhom mill-produzzjoni u l-bejgħ.

(4) L-Ispettorat tas-Saħħa tar-Repubblika tas-Slovenja, abbażi tas-sejbiet tal-NLZOH, li għal ċerta ditta u tip ta’ tabakk, il-prodotti tat-tabakk u prodotti relatati, il-produtturi u l-importaturi tagħhom ma jissodisfawx l-obbligu li jirrapportaw jew jinfurraw dwar il-prodotti msemmija fl-Artikoli 9, 10, 25, 26 u 28 ta’ dan l-Att, permezz ta’ deċiżjoni tiprojbxxi l-bejgħ ta’ dawn il-prodotti u tordna t-tnejħħija tagħhom mill-bejgħ.

(5) Fuq talba tal-Ispettorat tas-Saħħa tar-Repubblika tas-Slovenja jew tal-Amministrazzjoni Finanzjarja tar-Repubblika tas-Slovenja, l-NLZOH jista’ jwettaq testijiet fil-laboratorju tat-tabakk, tal-prodotti tat-tabakk u ta’ prodotti relatati. Il-persuni ġuridiċi u fizċi li jqiegħdu t-tabakk, il-prodotti tat-tabakk u prodotti relatati fis-suq għandhom jagħmlu kampjun ta’ tali prodott disponibbli għall-ispettur

kompetenti (minn hawn 'il quddiem l-“ispettur”) mingħajr ħlas. Jekk, permezz tal-ittestjar fil-laboratorju, jiġi stabbilit li l-kampjun meħud matul il-proċedura ta' kontroll ma jikkonformax mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-ispejjeż tal-ittestjar fil-laboratorju għandhom jitħallsu mill-persuna ġuridika jew fiżika li minnha jkun ittieħed il-kampjun.

(6) L-Ispettorat tax-Xogħol tar-Repubblika tas-Slovenja jissorvelja:

1. il-projbizzjoni tat-tipjip jew l-użu tat-tabakk, tal-prodotti tat-tabakk u ta' prodotti relatati, minbarra t-tabakk tal-magħda u t-tabakk nażali, fil-postijiet tax-xogħol imsemmija fl-Artikolu 39 ta' dan l-Att;
2. l-individwi li ma jikkonformawx mal-projbizzjoni tat-tipjip jew l-użu tat-tabakk, tal-prodotti tat-tabakk u ta' prodotti relatati, għajr it-tabakk tal-magħda u t-tabakk nażali, fil-postijiet tax-xogħol imsemmija fl-Artikolu 39 ta' dan l-Att.

(7) L-Ispettorat tas-Suq tar-Repubblika tas-Slovenja jissorvelja l-entitajiet kummerċjali, jiġifieri:

1. il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati mit-tabakk u l-prodotti tat-tabakk imsemmija fl-Artikoli 13 sa 20 ta' dan l-Att;
2. il-projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq tat-tabakk għall-użu orali msemmija fl-Artikolu 24 ta' dan l-Att;
3. il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati mis-sigaretti elettroniċi u mill-kontenituri ta' rikarika msemmija fl-Artikolu 26(4) u (5) ta' dan l-Att;
4. il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati mill-prodotti erbali għat-tipjip imsemmija fl-Artikolu 27 ta' dan l-Att;
5. il-projbizzjoni ta' sponsorizzazzjoni u reklamar ta' tabakk, prodotti tat-tabakk u prodotti relatati msemmija fl-Artikolu 29 ta' dan l-Att;
6. il-projbizzjoni tal-bejgħ imsemmija fl-Artikoli 30 u 31 ta' dan l-Att;
7. il-bejgħ tat-tabakk, tal-prodotti tat-tabakk u ta' prodotti relatati mingħajr l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 32 ta' dan l-Att u l-viżibbiltà tal-awtorizzazzjoni fil-bini tan-negożju msemmi fl-Artikolu 34(3) ta' dan l-Att.

(8) L-Amministrazzjoni Finanzjarja tar-Repubblika tas-Slovenja tissorvelja:

- il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 22 u 23 ta' dan l-Att li għandhom jiġu ssodisfati mit-tabakk u l-prodotti tat-tabakk;
- il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati mis-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika msemmija fl-Artikolu 26(3) ta' dan l-Att meta jiġu importati minn pajjiżi terzi, bl-appoġġ ipprovdut mill-Ispettorat tas-Saħħa tar-Repubblika tas-Slovenja;
- l-individwi li jbigħu, iqiegħdu fis-suq jew jakkwistaw tabakk, prodotti tat-tabakk jew prodotti relatati bi ksur tal-Artikolu 30(7) u (8) ta' dan l-Att;
- il-projbizzjoni fuq l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 30.a ta' dan l-Att;
- il-bejgħ ta' tabakk, prodotti tat-tabakk u prodotti relatati mingħajr awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 32 ta' dan l-Att.

(9) Jekk l-Ispettorat tas-Suq tar-Repubblika tas-Slovenja jiddetermina li t-tabakk u l-prodotti tat-tabakk huma prodotti, mibjugħha jew imqiegħda fis-suq bi ksur tal-Artikoli 13 sa 20 ta' dan l-Att jew jinbiegħu mingħajr l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 32 ta' dan l-Att, huwa għandu joħroġ deċiżjoni li tipprobixxi l-produzzjoni, il-bejgħ jew it-tqegħid tagħhom fis-suq u jordna t-tnejħhija tagħhom mill-produzzjoni jew mill-bejgħ.

(10) Jekk l-Amministrazzjoni Finanzjarja tar-Repubblika tas-Slovenja tiddetermina li t-tabakk, il-prodotti tat-tabakk u prodotti relatati mat-tabakk jinbiegħu mingħajr l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 32 ta' dan l-Att, hija għandha toħroġ deċiżjoni li tipprobixxi l-bejgħ tagħhom u tordna t-tnejħhija tagħhom mill-produzzjoni jew mill-bejgħ.

(11) L-Ispettorat tas-Saħħa tar-Repubblika tas-Slovenja għandu, abbażi tan-notifika msemmija fl-Artikolu 26(12) ta' dan l-Att, jadotta miżuri temporanji xierqa għall-protezzjoni tas-Saħħa tal-bniedem, li jinkludu projbizzjoni fuq il-bejgħ ta' prodott partikolari jew l-irtirar ta' prodott partikolari mis-suq.

(12) Jekk il-korp ta' spezzjoni kompetenti jiddetermina li t-tabakk jew prodotti relatati jiġu magħmula, mibjugħha jew imqiegħda fis-suq bi ksur tal-Artikoli 26 u 27 ta' dan I-Att jew mingħajr I-autorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 32 ta' dan I-Att, huwa għandu joħroġ deċiżjoni li tipprojbixxi I-bejgħ, it-tqiegħid fis-suq jew il-produzzjoni ta' dawn il-prodotti u jordna t-tnejħiha tagħhom mill-produzzjoni jew mill-bejgħ.

(13) Jekk I-Ispettorat tas-Suq tar-Repubblika tas-Slovenja jiddetermina li t-tabakk, il-prodotti tat-tabakk jew il-prodotti relatati mat-tabakk qed jiġu sponsorjati jew reklamati bi ksur tal-Artikolu 29 ta' dan I-Att, tali sponsorizzazzjoni jew reklamar għandu jkun ipprobiti b'deċiżjoni. Sabiex tiġi eżegwita d-deċiżjoni, huwa jordna t-tnejħiha immedjata ta' material ta' reklamar bi spejjeż għall-entità kummerċjali.

(14) L-ispettore kompetenti jista' jikkopera ma' persuna taħt it-18-il sena fit-twettiq tas-superviżjoni tal-projbizzjoni fuq il-bejgħ tat-tabakk, tal-prodotti tat-tabakk u ta' prodotti relatati mat-tabakk lil persuni taħt it-18-il sena msemmija fl-Artikolu 30(1) ta' dan I-Att. Għall-parteċipazzjoni ta' minorenni, għandu jinkiseb il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-ġenituri jew tal-kustodji tagħhom.

(15) Is-servizzi tal-pulizija u tal-gwardjani tal-belt jikkontrollaw il-projbizzjoni tat-tipjip fil-vetturi kollha fil-preżenza ta' persuni taħt it-18-il sena, kif imsemmi fl-Artikolu 39(1) ta' dan I-Att.”.

## Artikolu 19

Fl-Artikolu 42, il-paragrafu 1 huwa emendat biex jaqra kif ġej:

“(1) Entità juridika għandha tiġi mmultata bejn EUR 4 000 u EUR 33 000 għal reat:

- 1) jekk tiproduċi, tbigħ jew tqiegħed fis-suq sigaretti li fihom kontenut ogħla ta' qatran, nikotina u monossidu tal-karbonju, kif spċċifikat fl-Artikolu 7 ta' dan I-Att;
2. jekk tbigħ jew tqiegħed fis-suq prodotti tat-tabakk li għalihom l-obbligu ta' rapportar dwar I-ingredjenti u l-emissjonijiet ta' dawn il-prodotti ma ġiex issodisfat (I-Artikoli 9 u 10);
3. jekk tiproduċi, tqiegħed fis-suq jew tbigħ prodotti tat-tabakk b'togħma tipika (Artikolu 11) jew b'addittivi msemmija fl-Artikolu 12(1) u (3) ta' dan I-Att, jew jekk tiproduċi, tbigħ jew tqiegħed fis-suq prodotti tat-tabakk li fihom sustanzi aromatiċi fi kwalunkwe wieħed mill-komponenti tagħhom (I-Artikolu 12(2));
4. jekk tqiegħed fis-suq jew tbigħ prodotti tat-tabakk u prodotti tat-tabakk li ma jdaħħnux u li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet rigward it-tikkettar, l-ippakkjar, it-twissijiet ġenerali, il-messaġġi informattivi u t-twissijiet tas-saħħha kkombinati (I-Artikoli 13, 14, 15 u 16);
5. jekk tqiegħed fis-suq jew tbigħ prodotti tat-tabakk li l-ittikkettar jew l-ippakkjar estern tagħhom imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17 ta' dan I-Att;
6. jekk tqiegħed fis-suq jew tbigħ il-pakketti tas-sigaretti u l-ippakkjar estern tas-sigaretti li d-dehra u l-kontenut tagħhom jiksru d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 ta' dan I-Att;
7. jekk tqiegħed fis-suq jew tbigħ pakketti individwali tat-tabakk tal-brim u l-ippakkjar estern tat-tabakk tal-brim li d-dehra u l-kontenut tiegħu jiksru d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 ta' dan I-Att;
8. jekk tqiegħed fis-suq jew tbigħ sigaretti, li d-dehra tagħhom tikser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 ta' dan I-Att;
9. jekk ma tagħmilx l-identifikatur uniku disponibbli faċilment (I-Artikolu 22(4));

10. jekk ma tirreġistrax id-dħul tal-pakketti individwali u l-movimenti intermedji kollha u l-ammont finali ta' pakketti individwali mill-pussess tagħha b'tali mod li jippermetti l-identifikazzjoni u l-intraċċar ċari u mhux ambigwi tal-pakketti individwali kollha (l-Artikolu 22(5));
11. jekk ma żżommx rekords tat-tranżazzjonijiet kompluti kollha (l-Artikolu 22(6));
12. jekk ma tiprovdix lill-entitajiet ekonomiċi involuti fil-kummerċ tal-prodotti tat-tabakk, mill-produttur sal-aħħar entità ekonomika, qabel l-ewwel bejgħ fil-punt tal-bejgħ, inklużi l-importaturi, l-imħażen u l-kumpaniji tat-trasport, l-apparat għar-reġistrazzjoni tal-prodotti tat-tabakk, jew jekk it-tagħmir ipprovdut ma jippermettix il-qari elettroniku u l-identifikazzjoni u l-intraċċar mhux ambigwi tal-pakketti individwali kollha (l-Artikolu 22(7));
13. jekk tibdel jew tħassar id-data rreġistrata (l-Artikolu 22(9));
14. jekk tqiegħed fis-suq jew tbigħi prodotti tat-tabakk mingħajr marka ta' identifikazzjoni jew karatteristika ta' sigurtà, jekk il-marka ta' identifikazzjoni ma tkunx kompluta jew jekk il-karatteristika ta' sigurtà ma tissodisfax l-istandard tekniċi meħtieġa (l-Artikolu 22(1), (2) u (3), u l-Artikolu 23);
15. jekk tqiegħed fis-suq jew tbigħi tabakk għall-użu orali (Artikolu 24);
16. jekk tbighi jew tqiegħed fis-suq prodotti ġoddha tat-tabakk bi ksur tal-Artikolu 25 ta' dan l-Att;
17. jekk tiproduċi, tbigħi jew tqiegħed fis-suq sigaretti elettroniċi bi ksur tal-Artikolu 26(3), (4), (5) u (10) ta' dan l-Att;
18. jekk tiproduċi, tbigħi jew tqiegħed fis-suq sigaretti elettroniċi bi ksur tal-Artikolu 26(1), (2), (6) u (11) ta' dan l-Att;
19. jekk tqiegħed fis-suq jew tbigħi prodott erbali għat-tipjip bi ksur tal-Artikolu 27 ta' dan l-Att;
20. jekk ma tirrapportax l-ingredjenti ta' prodotti erbali għat-tipjip f'konformità mal-Artikolu 28 ta' dan l-Att;
21. jekk tagħti b'donazzjoni jew tisponsorja avveniment, attività jew individwu u direttament jew indirettament tirreklama u tippromwovi prodotti tat-tabakk u prodotti relatati (l-Artikolu 29);
22. jekk turi jew tuża t-tabakk, il-prodotti tat-tabakk u prodotti relatati mat-tabakk fuq it-televiżjoni u fil-kuntest ta' dehriet pubbliċi (l-Artikolu 29(7));
23. jekk tbigħi tabakk, prodotti tat-tabakk jew prodotti relatati mat-tabakk lil persuni taħt l-età ta' 18-il sena, jew jekk ma timponix il-projbizzjoni tal-bejgħ f'post viżibbli, jew jekk tbigħi tabakk, prodotti tat-tabakk jew prodotti relatati mat-tabakk lil persuna taħt l-età ta' 18-il sena (l-Artikolu 30(1) u (2));
24. jekk tbigħi jew tqiegħed fis-suq tabakk, prodotti tat-tabakk jew prodotti relatati mat-tabakk bi ksur tal-Artikolu 30(3) ta' dan l-Att;
25. jekk tbigħi jew tqiegħed fis-suq tabakk, prodotti tat-tabakk jew prodotti relatati mat-tabakk barra mill-ippakkjar oriġinali tal-produttur (l-Artikolu 30(4));
26. jekk tqiegħed fis-suq jew tagħmel bejgħ transfruntier mill-bogħod ta' tabakk, prodotti tat-tabakk jew prodotti relatati mat-tabakk permezz tal-Internet, telekomunikazzjonijiet jew teknoloġija oħra li qed tevolvi (l-Artikolu 30(5));
27. jekk tiproduċi, tqiegħed fis-suq jew tagħmel bejgħ transfruntier mill-bogħod ta' ħelu, snacks, ġugarelli jew oġġetti oħra fil-forma ta' prodotti tat-tabakk jew prodotti relatati mat-tabakk maħsuba għal persuni taħt it-18-il sena (l-Artikolu 30(6));
28. jekk timporta prodotti msemmija fl-Artikolu 11(1), l-Artikolu 12(1), (2) u (3), u l-Artikolu 24 ta' dan l-Att (l-Artikolu 30.a(1));

29. jekk ma turix b'mod viżibbli l-awtorizzazzjoni għall-bejgħ tat-tabakk, tal-prodotti tat-tabakk u ta' prodotti relatati mat-tabakk fil-post tan-negożju (l-Artikolu 34(3));

30. jekk ma tiżgurax il-konformità mal-projbizzjoni fuq it-tipjip jew l-użu tat-tabakk, tal-prodotti tat-tabakk u ta' prodotti relatati mat-tabakk, ħlief għat-tabakk tal-magħda u t-tabakk nażali, fi spazji pubbliċi u tax-xogħol magħluqa u fi spazji li mhumiex ikkunsidrat bħala spazji magħluqa skont dan l-Att, jekk ikunu parti mill-art funzjonali li tappartjeni għall-faċilitajiet li fihom jitwettqu attivitajiet ta' trobbija jew edukazzjoni (Artikolu 39)."

Il-paragrafi 4, 5 u 6 huma emendati biex jaqraw kif ġej:

"(4) Għar-reati msemmija fil-punti 1, 3, 15, 17, 19, 25 u 28 tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, minbarra s-sanzjoni ewlenija, għandha tiġi imposta l-konfiska tat-tabakk, tal-prodotti tat-tabakk jew ta' prodotti relatati mat-tabakk li huma s-suġġett tar-reat u l-konfiska ta' oġġetti li bihom twettaq ir-reat. Għandha tiġi imposta wkoll sanzjoni kollaterali jekk it-tabakk, il-prodotti tat-tabakk jew il-prodotti relatati mat-tabakk ma jkunux il-proprietà tal-awtur tar-reat jew ma jkunux fil-pusseß tal-entità ġuridika. Il-konfiska tal-oġġett tista' titneħħha jekk l-awtur tar-reat jagħti prova tal-oriġini legali tat-tabakk, tal-prodotti tat-tabakk jew ta' prodotti relatati mat-tabakk, jew jekk l-impożizzjoni ta' sanzjoni kollaterali tal-konfiska tal-oġġetti tar-reat tkun sproporzjonata b'mod ċar mal-gravità tal-att u l-konsegwenzi tar-reat.

(5) Għandha tiġi imposta multa ta' EUR 50 000 fuq entità ġuridika, kummerċjant uniku jew individwu li jwettaq attività b'mod indipendenti li tbigħi it-tabakk, il-prodotti tat-tabakk jew prodotti relatati mat-tabakk mingħajr awtorizzazzjoni (l-Artikolu 32).

(6) Għandha tiġi imposta multa ta' EUR 5 000 fuq persuna responsabbi ta' entità ġuridika, persuna responsabbi ta' kummerċjant uniku jew individwu li jwettaq attività b'mod indipendenti li tbigħi it-tabakk, il-prodotti tat-tabakk jew prodotti relatati mat-tabakk mingħajr awtorizzazzjoni (l-Artikolu 32).

## Artikolu 20

Fl-Artikolu 43, il-paragrafu 1 huwa emendat biex jaqra kif ġej:

"(1) Persuna individwali għandha tiġi mmultata bejn EUR 125 u EUR 5 000 għal reat:

- jekk takkwista tabakk, prodotti tat-tabakk jew prodotti relatati mat-tabakk bi ksur tal-Artikolu 30 ta' dan l-Att (l-Artikolu 30(8));
- jekk timporta prodotti bi ksur tal-Artikolu 30.a(1) jew (2) ta' dan l-Att;
- jekk tpejjep jew tuża tabakk, prodotti tat-tabakk jew prodotti relatati mat-tabakk f'postijiet pubbliċi jew tax-xogħol fejn dan huwa pproġbit (l-Artikolu 39).

Wara l-paragrafu 2, jiżdiedu l-paragrafi 3 u 4 ġoddha, li jaqraw:

"(3) Persuna individwali għandha tiġi mmultata bejn EUR 3 000 u EUR 5 000 għal reat:

- jekk, għall-finijiet ta' reklamar, toffri tabakk, prodotti tat-tabakk u prodotti relatati mat-tabakk mingħajr ħlas f'post pubbliku jew f'bini pubbliku bi ksur tal-Artikolu 29(3) ta' dan l-Att;
- jekk tbigħi jew tqiegħed fis-suq tabakk, prodotti tat-tabakk jew prodotti relatati mat-tabakk bi ksur tal-Artikolu 30(7) ta' dan l-Att.

(4) Għar-reati msemmija fl-ewwel u fit-tieni inċiżi tal-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu u għar-reati msemmija fl-ewwel u fit-tieni inċiżi tal-paragrafu preċedenti, minbarra s-sanzjoni prinċipali, għandha tiġi imposta l-konfiska tat-tabakk, tal-prodotti tat-tabakk jew ta' prodotti relatati mat-tabakk li huma s-suġġett tar-reat u l-konfiska ta' oġġetti li bihom twettaq ir-reat. Għandha tiġi imposta wkoll sanzjoni

kollaterali jekk it-tabakk, il-prodotti tat-tabakk jew prodotti relatati mat-tabakk ma jkunux il-proprietà tal-autur tar-reat jew ma jkunux fil-pussess tiegħu. Il-konfiska tal-oġġett tista' ma ssirx jekk l-awtur ta-reat jagħti prova tal-oriġini legali tat-tabakk, tal-prodotti tat-tabakk jew ta' prodotti relatati mat-tabakk, jew jekk l-impożizzjoni ta' sanzjoni kollaterali tal-konfiska tal-oġġetti tar-reat tkun sproporzjonata b'mod ċar mal-gravità tal-att u l-konsegwenzi tar-reat.”.

#### Artikolu 21

Wara l-Artikolu 43, jiddaħħal Artikolu 43.a ġdid, li jaqra kif ġej:

#### **'Artikolu 43.a**

##### **(L-impożizzjoni ta' multa fi proċedura mħaffa ta' twettiq ta' reat)**

Għar-reati msemmija f'dan l-Att, tista' tiġi imposta multa skont proċedura mħaffa b'ammont li jkun oħla mill-multa minima preskritta stabbilita b'dan l-Att.

#### DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

#### Artikolu 22

##### (Armonizzazzjoni tal-azzjonijiet)

Is-sigaretti elettroniċi u l-kontenituri ta' rikarika bl-aromatizzanti jistgħu jitqiegħdu fis-suq għal massimu ta' 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħi ta' dan l-Att.

#### Artikolu 23

##### (Ligħiġiet lokali)

(1) Il-Ministru għandu joħroġ ir-regolamenti msemmija fl-Artikolu 25(4) emendat tal-Att u l-Artikolu 28(4) emendat tal-Att fi żmien tliet xħur mid-dħul fis-seħħi ta' dan l-Att.

(2) Il-Ministru għandu jgħib id-dispożizzjoni msemmija fl-Artikolu 26(14) tal-Att f'konformità mal-punt il-ġidid 8 tal-paragrafu 3 u l-punt 2 emendat tal-paragrafu 5 tal-Artikolu 26 tal-Att fi żmien tliet xħur mid-dħul fis-seħħi ta' dan l-Att.

#### Artikolu 24

##### (Skadenza u estensjoni tal-użu)

(1) Id-dispożizzjoni jiet tal-punt 17 tal-Artikolu 3, il-Kapitolu VII, ir-raba' inċiż tal-paragrafu 3, u l-paragrafu 4 tal-Artikolu 39, l-Artikolu 40, il-punti 8 u 9 tal-paragrafu 2, il-punti 3 u 4 tal-paragrafu 6, u l-paragrafu 14 tal-Artikolu 41, il-punt 30 tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 42, u t-tielet inċiż tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 43 tal-Att dwar ir-Restrizzjoni tal-Użu tat-Tabakk u ta' Prodotti Relatati (ĠU RS, Nro 9/17 u 29/17) għandhom japplikaw għall-kmamar għall-tippi sat-23 ta' Ottubru 2028.

(2) Mid-data tad-dħul fis-seħħi ta' dan l-Att, ir-Regoli dwar il-kundizzjoni jiet li għandhom jiġu ssodisfati minn kamra għat-tippi (ĠU RS, Nro 52/17), li jistgħu jintużaw sat-23 ta' Ottubru 2028, ma għandhomx jibqgħu japplikaw.

#### Artikolu 25

##### (Dħul fis-seħħi u applikazzjoni)

(1) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħi fil-ħmistax il-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħi fil-Ġurnal Uffiċjal tar-Repubblika tas-Slovenja u għandu japplika mit-tiegin jum wara d-dħul fis-seħħi tiegħi.

(2) L-Att dwar ir-Restrizzjoni tal-Użu tat-Tabakk u ta' Prodotti Relatati (ĠU RS, Nro 9/17 u 29/17) għandu japplika sad-dħul fis-seħħi ta' dan l-Att.